Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,089, 21 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 187 tal-2023

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 u 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-Trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.19.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2022/738 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tat-tifsira "akkont ta' persuna nnifisha" tiegħu l-kliem "tad-Direttiva tal-Kunsill 84/647/KEE tad-19 ta' Diċembru, 1984, dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr xufiera għal ġarr stradali ta' merkanzija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tad-Direttiva 2006/1/KE";

(b) minnufih wara t-tifsira "id-Direttiva 2002/15/KE" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-Direttiva 2006/1/KE" tfisser id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttiva (UE) 2015/719" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva (UE) 2022/738" tfisser Direttiva (UE) 2022/738 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq;";

(d) minnufih wara t-tifsira "Regolament (KE) nru 1071/2009" tiegħu għandha tiġi miżjuda din t-tifsira ġdida li ġejja:

""Regolament (KE) Nru 1072/2009" tfisser Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija;";

(e) minnufih wara t-tifsira "Regolament (UE) Nru 165/2014" tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480" tfisser Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010;

"Regolament (UE) 2016/679" tfisser Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);";

(f) it-tifsira "vettura" tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura" tfisser, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, vettura bil-mutur, trattur, *trailer* jew *semi-trailer* jew taħlita ta' dawn il-vetturi maħsuba esklussivament għall-ġarr ta' merkanzija;" u

(g) minnufih wara t-tifsira "vettura" tiegħu, kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura mikrija" tfisser kull vettura li, bi ħlas u għal perjodu determinat, titqiegħed għad-dispożizzjoni ta'

impriża li tagħmel xogħol ta' ġarr stradali ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens jew akkont tagħha stess fuq il-bażi ta' kuntratt mal-impriża li tagħmel il-vettura disponibbli;".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*d*) partikolaritajiet tan-numru jew klassi jew deskrizzjoni ta' kull vettura bil-mutur disponibbli għall-użu fin-negozju tal-ġarr stradali ta' merkanzija relevanti jew negozju propost bħal dak. L-imsemmija vetturi għandhom ikunu reġistrati mal-Awtorità jew mikrija minn Stat Membru ieħor:

Iżda għal vetturi mikrija minn Stat Membru ieħor biex jintużaw fin-negozju relevanti ta' ġarr stradali tal-merkanzija, il-kuntratti ta' kiri għall-vetturi rispettivi li jikkonfermaw li dawn il-vetturi għandhom ikunu għad-dispożizzjoni unika tal-applikant, għandhom jiġu sottomessi wkoll:

Iżda wkoll vettura mikrija minn Stat Membru ieħor ma tistax tintuża f'Malta għal aktar minn xahrejn (2) konsekuttivi f'kull sena kalendarja partikolari;".

Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Reġistru Elettroniku Nazzjonali.

9. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi li huma involuti fil-ġarr stradali tal-merkanzija, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.".

Iħassar ir-regolament 58 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 58 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 64 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 64 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"64. (1) Għandu jkun possibbli li jintużaw fit-territorju ta' Malta vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri minbarra Malta jekk:

(a) il-vettura hija reġistrata jew titpoġġa f'ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, jekk applikabbli, użata f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u (KE) Nru 1072/2009;

(b) il-kuntratt jirrelata biss mal-kiri tal-vettura mingħajr xufier, u m'huwiex akkumpanjat minn kuntratt għal servizz konkluż mal-istess impriża li jkopri impjegati li jsuqu jew ħaddiema li jakkumpanjaw;

(ċ) il-vettura mikrija tkun għad-dispożizzjoni biss tal-impriża li qed tużaha matul it-terminu tal-kuntratt tal-kera;

(d) il-vettura tinsaq minn ħaddiema tal-impriża li qed tikriha;

(e) tingħieb prova li tkun konformi mal-kondizzjonijiet tal-paragrafi (a) sa (d) mis-sottomissjoni tad-dokumenti li ġejjin f'forma stampata jew elettronika, li għandhom ikunu fuq il-vettura:

(i) il-kuntratt tal-kera, jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jagħti partikolarment l-isem ta' min jikri, isem il-kerrej, id-data u ż-żmien tal-kuntratt u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(ii) fejn ix-xufier ma jkunx il-persuna li tkun kriet il-vettura, il-kuntratt tal-impjieg tax-xufier jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jagħti partikolarment l-isem ta' min jimpjega, l-isem tal-impjegat u d-data jew iż-żmien tal-kuntratt ta' impjieg jew pay slip reċenti.

(2) Fejn l-Awtorità jidhrilha li jkun meħtieġ, hija tista' tissostitwixxi d-dokumenti msemmija fil-paragrafu (e) tas-subregolament (1) b'dokument ekwivalenti maħruġ għal dak l-għan.

(3) L-Awtorità għandha ddaħħal in-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura mikrija użata minn impriża li tkun involuta fil-ġarr stradali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens fir-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fir-regolament 9.

(4) L-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u għandha tipprovdihom mingħajr dewmien b'assistenza reċiproka u bi kwalunkwe informazzjoni relevanti sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-regolament. Għal dan il-għan, l-Awtorità għandha tinnomina punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra.

(5) L-iskambju tal-informazzjoni relatat ma' dan ir-regolament għandu jseħħ permezz tar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) kif speċifikat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480.

(6) L-Awtorità għandha tiżgura li l-informazzjoni li tirċievi skont dan ir-regolament tintuża biss fir-rigward tal-kwistjonijiet li għalihom tkun intalbet. Kwalunkwe pproċessar tad-data personali għandu jsir biss għall-finijiet ta' konformità ma' dan ir-regolament u għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679.

(7) L-Awtorità għandha tipprovdi l-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fir-rigward ta' dan ir-regolament mingħajr ħlas.

(8) Talba għall-informazzjoni riċevuta jew magħmula mill-Awtorità fir-rigward ta' dan ir-regolament ma għandhiex tipprekludi lill-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba milli jieħdu miżuri skont il-liġi relevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali biex jinvestigaw u jipprevjenu ksur allegat ta' regoli li jirriżulta mit-traspożizzjoni ta' Direttiva (UE) 2022/738.

(9) L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-ipproċessar tad-data msemmija fis-subregolament (3) jikkonforma mar-rekwiżiti għall-informazzjoni msemmijin fl-Artikolu 16(2), punt (g), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 kif speċifikat fl-Artikolu 16(2), it-tielet u l-ħames subparagrafi, u fl-Artikolu 16(3) u (4) ta' dak ir-Regolament.

(10) L-Awtorità għandha tiżgura li d-data msemmija fis-subregolament (3) tkun aċċessibbli waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq mwettqa mill-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità.".